32000D0229

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI
tas-7 ta' Marzu 2000
li tistabbilixxi allokazzjoni indikattiva bejn pajjiżi benefiċjarji ta' l-ammont totali ta' għajnuna Komunitarja taħt l-Istrument għall-Politika Strutturali ta' Qabel l-Adeżjoni.

(innotifikata taħt id-dokument numru Ċ(2000) 552)

(2000/229/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunita' Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1267/1999 tal-21 ta' Ġunju 1999 li jistabbilixxi Strument għall-Politika Strutturali ta' Qabel l-Adeżjoni [1], minn issa 'l quddiem imsejjaħ "ISPA", u partikolarment l-ewwel subparagrafu ta'l-Artikolu 4 tiegħu,

Billi:

(1) It-tieni subparagrafu ta' l-Artikolu 1(1) tar-Regolament (KE) Nru 1267/1999 jelenka l-pajjiżi li jikkwalifikaw għall-ISPA.

(2) L-ewwel subparagrafu ta' l-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 1267/1999 jistabbilixxi li l-allokazzjoni indikattiva bejn pajjizi benefiċjarji ta' l-ammont totali ta' l-għajnuna Komunitarja taħt ISPA għandha ssir mill-Kummissjoni fuq il-bażi tal-kriterji tal-popolazzjoni, il-prodott gross domestiku (GDP) għal kull abitant f'dik li hi parità fil-kapaċità ta'l-akkwist u l-qies superfiċjali. Din l-allokazzjoni tista' tigi aġġustata skond it-tieni subparagrafu ta'l-istess Artikolu.

(3) L-Artikolu 15 tar-Regolament (KE) Nru 1267/1999 jistipula li, ma' l-Adeżjoni fl-Unjoni Ewropea, il-pajjiż jitlef id-dritt tiegħu għall-għajnuna mill-ISPA u li l-istess finanzjament hekk rilaxxjat jiġi allokat mill-ġdid fost pajjiżi benefiċjarji oħra.

(4) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma bi qbil ma' l-opinjoni tal-Kumitat tal-Ġestjoni għall-Istrument għal Politika Strutturali ta' Qabel l-Adeżjoni,

ADDOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-allokazzjoni indikattiva bejn pajjiżi benefiċjarji ta' l-ammont totali ta' għajnuna Komunitarja taħt ISPA qed tiġi spjegata fl-Anness ta' hawnhekk.

L-allokazzjoni indikattiva għandha tiġi aġġustata jekk pajjiż benefiċjarju, bis-saħħa ta' l-Adeżjoni fl-Unjoni Ewropea, jitlef id-dritt tiegħu għall-għajnuna ISPA.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni qed tiġi indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussel, fis-7 ta' Marzu 2000.

Għall-Kummissjoni

Michel BARNIER

Membru tal-Kummissjoni

[1] ĠU L 161, tas-26.6.1999, p. 73.

ANNESS

Allokazzjoni indikattiva bejn il-pajjiżi benefiċjarji ta' l-ammont totali ta' l-għajnuna taħt l-Istrument għall-Politika Strutturali ta' Qabel l-Adeżjoni

- Il-Bulgarija:	bejn 8,0 % u 12,0 % tat-total
- Ir-Repubblika Ċeka:	bejn 5,5 % u 8,0 % tat-total
- L-Estonja:	bejn 2,0 % u 3,5 % tat-total
- L-Ungerija:	bejn 7,0 % u 10,0 % tat-total
- Il-Litwanja:	bejn 4,0 % u 6,0 % tat-total
- Il-Latvja:	bejn 3,5 % u 5,5 % tat-total
- Il-Polonja:	bejn 30,0 % u 37,0 % tat-total
- Ir-Rumanija:	bejn 20,0 % u 26,0 % tat-total
- Is-Slovenja:	bejn 1,0 % u 2,0 % tat-total
- Is-Slovakkja:	bejn 3,5 % u 5,5 % tat-total